

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 134

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

18 ta' Mejju 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 463/2013 tas-17 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bl-għan li jiġu adottati l-Annessi I, II u IV għall-progress tekniku ⁽¹⁾** 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 464/2013 tas-17 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 15

DEĊIŻONIJET

2013/221/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2013 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-bluetongue fl-Italja fl-2007 u l-2008 (notifikata bid-dokument C(2013) 2799)** 17

2013/222/UE:

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Mejju 2013 li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja fi Spanja fl-2009 (notifikata bid-dokument C(2013) 2779)** 19

Prezz: EUR 3

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Rettifika

Rettifika għall-Adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 (ĠU L 66, 8.3.2013) 21

**Avviż lill-qarrejja – Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubbli-
kazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*** (Ara paġna 3 tal-qoxra)



II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 463/2013

tas-17 ta' Mejju 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bl-għan li jiġu adottati l-Annessi I, II u IV għall-progress tekniku

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li għandu x'jaqsam mal-fertilizzanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 31(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kelma "kainit" intużat fit-tabella A.3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 bħala l-indikazzjoni tat-tip ta' fertilizzant għall-melħ mhux maħdum tal-potassju. Il-kelma kainit issa waslet biex tiġi assoċjata mal-melħ greġġ tal-potassju wieħed speċifiku biss biex b'hekk twassal għal restrizzjoni potenzjali tal-kummerċ għall-manifatturi li jixtiequ jikkummerċjalizzaw sorsi oħra tal-melħ tal-potassju. Biex tiġi ribattuta dik ir-restrizzjoni u b'hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għal firxa akbar ta' melħ tal-potassju għall-bdiewa fl-Istati Membri kollha, għandha tintuża deżinjazzjoni tat-tip aktar ġenerika għal dawk l-entrati fil-każ ta' dak it-tip ta' fertilizzant, u referenzi għal kainit għandhom jiġu adattati skont dan. Għandu jingħata perjodu tranżitorju lill-produtturi tal-melħ greġġ tal-potassju biex jadattaw it-tikkettar għar-regoli l-ġodda.
- (2) L-aċidu linjosulfoniku huwa materjal kumpless miksub minn sorsi differenti tal-injam. Billi bosta gradi differenti ta' kwalità huma disponibbli kummerċjalment, huwa importanti li jiġu adattati għall-progress tekniku l-ħtiġiet tal-kwalità li l-prodotti jridu jkunu konformi magħhom sabiex jitqiegħdu fis-suq bħala fertilizzant tal-KE.
- (3) Sustanzi tal-ġir, magħrufa wkoll bħala ġir fertilizzanti, inaqqsu l-aċidità tal-ħamrija u, meta jagħmlu dan, jistgħu

wkoll jipprovdi n-nutrijenti manjesju jew kalċju jew it-tnejn. Il-manifatturi ta' sustanzi tal-ġir jiffaċċjaw għadd divers ta' regoli nazzjonali li jwasslu għal distorsjoni tas-suq intern. Il-materjali tal-ġir għandhom għalhekk jiżiedu mat-tipi ta' fertilizzant deskritti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 biex dawn ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles fis-suq intern. Barra minn hekk, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) żviluppa standards EN għall-metodi ta' analiżi ta' materjali tal-ġir. Sabiex il-konformità ma' dawk l-standards tkun mandatorja, għandhom ikunu inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi.

- (4) Għandu jingħata perjodu tranżitorju biex jiżgura li l-produtturi ta' sustanzi tal-ġir jingħataw iż-żmien biex jadattaw l-standards EN il-ġodda.
- (5) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jistabbilixxi tolleranzi fir-rigward tal-kontenut nutrittiv iddikjarat. L-Anness II għandu jkun emendat biex jinkludi t-tolleranzi għall-materjali tal-ġir.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jitlob il-kontroll tal-fertilizzanti tal-KE b'konformità mal-metodi ta' teħid ta' kampjuni u ta' analiżi li huma stabbiliti fl-Anness IV tiegħu. Madankollu, xi wħud minn dawn il-metodi mhumiex rikonoxxuti internazzjonalment u għandhom jiġu sostitwiti minn standards EN żviluppatti dan l-aħħar mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni.
- (7) Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri pprovdu f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,

⁽¹⁾ ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

1. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.
3. L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2013.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Permezz ta' deroga mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3, il-manifatturi jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet fl-Anness I, il-punt (1) qabel is-7 ta' Diċembru 2014.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mis-7 ta' Diċembru 2014.
3. L-Anness I, il-punt (3), l-Anness II, il-punt (2) u l-Anness III, il-punt (4) għandhom japplikaw mis-7 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) Fis-sezzjoni A.3, l-annotazzjonijiet 1 u 2 fit-tabella tbiddu b'li ġej:

“1	Il-melħ greġġ tal-potassju	Prodott miksub minn melħ greġġ tal-potassju	10 % K ₂ O Potassju li jinħall fl-ilma, espress bħala K ₂ O 5 % MgO, Manjesju fil-forma ta' mluħ solubbli fl-ilma, espressi bħala ossidu tal-manjesju	Jistgħu jiżdiedu l-ismijiet kummerċjali tas-soltu	Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma Ossidu tal-manjesju li jinħall fl-ilma.
2	Melħ greġġ tal-potassju arrikkit	Prodott miksub minn melħ greġġ tal-potassju arrikkit b'taħlit ma' klorur tal-potassju	18 % K ₂ O Potassju li jinħall fl-ilma, espress bħala K ₂ O	Jistgħu jiżdiedu l-ismijiet kummerċjali tas-soltu	Ossidu tal-potassju li jinħall fl-ilma Referenza mhux obligatorja tal-kontenut ta' ossidu tal-manjesju li jinħall fl-ilma meta ogħla minn 5 % MgO”

(2) Fit-Taqsima E.3.2, it-tabella tinbidel b'dan li ġej:

“Nru	Deżinjazzjoni	Deżinjazzjoni alternattiva	Formula kimika	In-numru CAS tal-aċidu (*)
1	Aċidu linjusulfoniku	LS	L-ebda formula kimika disponibbli	8062-15-5 (**)

(*) Għat-tagħrif biss.

(**) Għal raġunijiet ta' kwalità, il-kontenut tal-idrossil fenoliku relattiv u l-kontenut ta' kubrit organiku relattiv kif imkejla b'EN 16109 għandhom jaqbu 1,5 % u 4,5 % rispettivament.”

(3) Tiddaħħal it-Taqsima G li ġejja:

“G. Materjali tal-ġir

Il-kliem ‘MATERJAL TAL-ĠIR’ għandu jiġi miżjud wara t-terminu ‘FERTILIZZANT TAL-KE’.

Il-karatteristiċi kollha msemmija fit-tabelli tat-taqsimiet minn G.1 sa G.5 jirreferu għall-prodott kif fornut sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Materjali tal-ġir granulari li huma prodotti permezz ta' aggregazzjoni ta' partikkel primarji iżgħar għandhom jiferru meta titħawwad fl-ilma f'partiċelli ta' distribuzzjonijiet ta' finezza kif speċifikat fid-deskrizzjonijiet tat-tip, u kif imkejla bl-użu tal-metodu 14.9 “Id-determinazzjoni tat-tifrik ta'granuli”.

G.1. Il-Ġir Naturali

Nru	Deżinjazzjoni tat-tip	Dejta dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrittivi (perċentwali skont il-piż) Dejta dwar l-espressjoni tan-nutrijenti Rekwiżiti oħra	Dejta oħra dwar id-deżinjazzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrijent li għandu jiġi ddikjarat Forum u solubilitajiet tan-nutrijenti Kriterji oħra li għandhom jiġu ddikjarati
1	2	3	4	5	6
1(a)	Ġebbla tal-ġir – kwalità standard	Prodott li fih bħala l-ingredjenti essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju, miksub permezz tat-tħin ta' depożiti naturali ta' ġebel tal-ġir.	Valur newtralizzanti minimu: 42 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; kif ukoll — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,5 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali (mhux obligatorju) Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji) Ndewwa (mhux obligatorja) Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja)
1(b)	Ġebbla tal-ġir – kwalità fina		Valur newtralizzanti minimu: 50 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; kif ukoll — Mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,1 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)
2(a)	Ġebbla tal-ġir manjeżjana – kwalità standard	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju u l-karbonat tal-manjesju, miksub permezz tat-tħin ta' depożiti naturali ta' ġebbla tal-ġir manjeżjana.	Valur newtralizzanti minimu: 45 Manjesju totali: 3 % MgO, Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; kif ukoll — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,5 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali: Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji) Ndewwa (mhux obligatorja) Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)
2(b)	Ġebbla tal-ġir manjeżjana – kwalità fina		Valur newtralizzanti minimu: 52 Manjesju totali: 3 % MgO, Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	

1	2	3	4	5	6
			<ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; kif ukoll — Mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,1 mm; 		
3(a)	Ġebbla tal-ġir dolomitika – kwalità standard	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju u l-karbonat tal-manjesju, miksub permezz tat-tħin ta' depożiti naturali ta' dolomit.	Valur newtralizzanti minimu: 48 Manjesju totali: 12 % MgO, Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; kif ukoll — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,5 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali: Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji) Ndewwa (mhux obligatorja) Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)
3(b)	Ġebbla tal-ġir dolomitika – kwalità fina		Valur newtralizzanti minimu: 54 Manjesju totali: 12 % MgO, Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; kif ukoll — Mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,1 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	
4(a)	Ġebbla tal-ġir marina – kwalità standard	Prodott li fih bħala l-ingredjent essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju, miksub permezz tat-tħin ta' depożiti naturali ta' ġebel tal-ġir ta' oriġini tal-baħar.	Valur newtralizzanti minimu: 30 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; kif ukoll — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali (mhux obligatorju) Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji) Ndewwa (mhux obligatorja)
4(b)	Ġebbla tal-ġir tal-baħar – kwalità fina		Valur newtralizzanti minimu: 40 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; kif ukoll — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjudi.	Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)

1	2	3	4	5	6
5(a)	Ġibs – kwalità standard	Prodott li fih bħala l-ingredjent essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju, miksub permezz tat-tħin ta' depożiti naturali ta' ġibs.	<p>Il-finezza determinata minn għarbiel fin-niedi wara disintegrazzjoni fl-ilma:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 90 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; — Mill-inqas 70 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; kif ukoll — Mill-inqas 40 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; <p>Reattività ta'frazzjoni 1 – 2 mm (miksuba billi jiġi mgħoddi minn għarbiel xott) mill-inqas 40 % faċidu ċitriku</p> <p>Valur newtralizzanti minimu: 42</p> <p>Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 25 mm; kif ukoll — Mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali (mhux obligatorju)</p> <p>Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji)</p> <p>Ndewwa (mhux obligatorja)</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)</p>
5(b)	Ġibs – kwalità fina		<p>Il-finezza determinata minn għarbiel fin-niedi wara disintegrazzjoni fl-ilma:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 3,15 mm; — Mill-inqas 70 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; kif ukoll — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; <p>Reattività ta'frazzjoni 1 – 2 mm (miksuba permezz ta' għarbiel xott) mill-inqas 65 % faċidu ċitriku</p> <p>Valur newtralizzanti minimu: 48</p> <p>Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 25 mm; kif ukoll — mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; 	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	

1	2	3	4	5	6
6	Sospensjoni tal-karbonat	Prodott li fih bħala l-ingredjenti essenzjali tiegħu l-karbonat tal-kalċju u/jew il-karbonat tal-manjesju, miksub bit-tħin u li jissospendi fl-ilma ta' depożiti naturali ta' ġebbla tal-ġir, ġebbla tal-ġir manjeżjana, dolomit jew ġibs.	Valur newtralizzanti minimu: 35 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 2 mm; — Mill-inqas 80 % jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm; — Mill-inqas 50 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,315 mm; kif ukoll — Mill-inqas 30 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,1 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali jekk $MgO \geq 3\%$ Ndewwa (mhux obligatorja) Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obligatorji) Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)

G.2. Ġir Ossidu u Idrossidu ta' oriġini naturali

Nru	Deżinjazzjoni tat-tip	Dejta dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrittivi (perċentwali skont il-piż) Dejta dwar l-espressjoni tan-nutrijenti Rekwiżiti oħra	Dejta oħra dwar id-deżinjazzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrijent li għandu jiġi ddikjarat Forum u solubilitajiet tan-nutrijenti Kriterji oħra li għandhom jiġu ddikjarati
1	2	3	4	5	6
1(a)	Ġir imsajjar – kwalità bażika	Prodott li fih bħala l-ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' ġebel tal-ġir.	Valur newtralizzanti minimu: 75 Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott: Fina: — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; Skrinjata: — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — Mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm.	L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata". L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali (mhux obligatorju) Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)
1(b)	Ġir imsajjar – kwalità primjum	Prodott li fih bħala l-ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' ġebel tal-ġir.	Valur newtralizzanti minimu: 85 Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott:	L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata".	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali (mhux obligatorju)

1	2	3	4	5	6
			<p>Fina:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; <p>Skrinjata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm. 	<p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.</p>	<p>Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obbligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)</p>
2(a)	Ġir manjeżjan imsajjar – kwalità bażika	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju u l-ossidu tal-manjesju, miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' ġebbla tal-ġir manjeżjana.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 80</p> <p>Manjesju totali: 7 % MgO,</p> <p>Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott:</p> <p>Fina:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; <p>Skrinjata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm. 	<p>L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata".</p> <p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali:</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obbligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)</p>
2(b)	Ġir tal-manjesju msajjar – kwalità primjum	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju u l-ossidu tal-manjesju, miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' ġebbla tal-ġir manjeżjana.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 85</p> <p>Manjesju totali: 7 % MgO,</p> <p>Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott:</p> <p>Fina:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; <p>Skrinjata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm. 	<p>L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata".</p> <p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiżdiedu.</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali:</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obbligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)</p>
3(a)	Ġir dolomitiku msajjar – kwalità bażika	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju u l-ossidu tal-manjesju, miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' dolomit.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 85</p> <p>Manjesju totali: 17 % MgO</p> <p>Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott:</p>	<p>L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata".</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali:</p>

1	2	3	4	5	6
			<p>Fina:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; <p>Skrinjata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm. 	<p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjudi.</p>	<p>Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)</p>
3(b)	Dolomitiku msajjar – kwalità primjum	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-ossidu tal-kalċju u l-ossidu tal-manjesju, miksub permezz tas-sajran ta' depożiti naturali ta' dolomit.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 95</p> <p>Manjesju totali: 17 % MgO,</p> <p>Finezza ddeterminat permezz ta' għarbiel fix-xott:</p> <p>Fina:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 4 mm; <p>Skrinjata:</p> <ul style="list-style-type: none"> — Mill-inqas 97 % jgħaddi minn għarbiel ta' 8 mm; kif ukoll — mhux aktar minn 5 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,4 mm. 	<p>L-isem tat-tip għandu jinkludi l-irquqija tip "fina" jew "skrinjata".</p> <p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjudi.</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali:</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fix-xott (mhux obligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)</p>
4	Ġir idradat imsajjar (ġir mitfi)	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-idrossidu tal-kalċju, miksub permezz ta' sajran u tifi ta' depożiti naturali tal-ġebel tal-ġir.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 65</p> <p>Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 95 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,16 mm; 	<p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjudi.</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali (mhux obligatorju)</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja)</p> <p>Ndewwa (mhux obligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)</p>
5	Ġir majeżżan imsajjar idratat (ġir manjeżżan mitfi)	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-idrossidu tal-kalċju u l-idrossidu tal-manjesju, miksuba permezz ta' sajran u tifi ta' depożiti naturali ta' ġebel tal-ġir manjeżżan.	<p>Valur newtralizzanti minimu: 70</p> <p>Manjesju totali: 5 % MgO,</p> <p>Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — mill-inqas 95 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,16 mm; 	<p>L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjudi.</p>	<p>Valur newtralizzanti</p> <p>Kalċju totali</p> <p>Manjesju totali:</p> <p>Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obligatorja)</p> <p>Ndewwa (mhux obligatorja)</p> <p>Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obligatorji)</p>

1	2	3	4	5	6
6	Ġir dolomitiku msajjar idratat	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-idrossidu tal-kalċju u l-idrossidu tal-manjesju, miksuba permezz ta' saġran u tifi ta' depożiti naturali ta' dolomit.	Valur newtralizzanti minimu: 70 Manjesju totali: 12 % MgO Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — mill-inqas 95 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,16 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjuda.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali: Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obbligatorja) Ndewwa (mhux obbligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)
7	Sospensjoni tal-ġir idratat	Prodott li fih bħala ingredjenti essenzjali tiegħu l-idrossidu tal-kalċju u/jew l-idrossidu tal-manjesju, miksuba billi jissajru, jintfexx u jiġu sospiżi fl-ilma depożiti naturali ta' ġebbla tal-ġir manjeżjana, ġebbla tal-ġir jew dolomit.	Valur newtralizzanti minimu: 20 Il-finezza ddeterminata minn għarbiel fin-niedi: — mill-inqas 95 % jgħaddi minn għarbiel ta' 0,16 mm;	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjuda.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali jekk MgO \geq 3 % Ndewwa (mhux obbligatorja) Il-finezza determinata b'għarbel fin-niedi (mhux obbligatorja) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)

G.3. Ġir mill-proċessi industrijali

Nru	Deżinjazzjoni tat-tip	Dejta dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrittivi (perċentwali skont il-piż) Dejta dwar l-espressjoni tan-nutrijenti Rekwiżiti oħra	Dejta oħra dwar id-deżinjazzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrijent li għandu jiġi ddikjarat Forum u solubilitajiet tan-nutrijenti Kriterji oħra li għandhom jiġu ddikjarati
1	2	3	4	5	6
1(a)	Ġir tal-fabbrika taz-zokkor	Prodott mill-produzzjoni taz-zokkor miksub permezz ta' karbonazzjoni bl-użu esklussiv ta' ġir imsajjar minn sorsi naturali u li fih bħala ingredjent essenzjali l-karbonat tal-kalċju maqsum b'mod fin.	Valur newtralizzanti minimu: 20	L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjuda.	Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali (mhux obbligatorju) Ndewwa (mhux obbligatorja)
1(b)	Sospensjoni tal-ġir tal-fabbrika taz-zokkor		Valur newtralizzanti minimu: 15		Reattività u metodu ta' determinazzjoni (mhux obbligatorji) Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji)

G.4. Ġir imħallat

Nru	Deżinjazzjoni tat-tip	Dejta dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrittivi (perċentwali skont il-piż) Dejta dwar l-espressjoni tan-nutrijenti Rekwiżiti oħra	Dejta oħra dwar id-deżinjazzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrijent li għandu jiġi ddikjarat Forum u solubilitajiet tan-nutrijenti Kriterji oħra li għandhom jiġu ddikjarati
1	2	3	4	5	6
1	Ġir imħallat	Prodott miksub bit-taħlita tat-tipi elenkati fit-taqsimiet G1 u G2.	Il-kontenut tal-karbonat minimu: 15 % Il-kontenut tal-karbonat massimu: 90 %	Il-kelma "manjeżjan" għandha tiżdied mad-deskrizzjoni tat-tip jekk MgO ≥ 5 %. L-ismijiet kummerċjali tas-soltu jew ismijiet alternattivi jistgħu jiġu miżjuda.	Tipi kif speċifikat fit-Taqsimiet G.1 u G.2 Valur newtralizzanti Kalċju totali Manjesju totali jekk MgO ≥ 3 % Riżultati tal-inkubazzjoni tal-ħamrija (mhux obbligatorji) Ndewwa (mhux obbligatorja)

G.5. Taħlitiet ta'sustanzi tal-gir ma' tipi ta' fertilizzanti tal-KE oħra

Nru	Deżinjazzjoni tat-tip	Dejta dwar il-metodu ta' produzzjoni u l-ingredjenti essenzjali	Kontenut minimu ta' nutrittivi (perċentwali skont il-piż) Dejta dwar l-espressjoni tan-nutrijenti Rekwiżiti oħra	Dejta oħra dwar id-deżinjazzjoni tat-tip	Kontenut tan-nutrijent li għandu jiġi ddikjarat Forum u solubilitajiet tan-nutrijenti Kriterji oħra li għandhom jiġu ddikjarati
1	2	3	4	5	6
1	Taħlita ta' [l-indikazzjoni tat-tip fit-taqsimiet minn G.1 sa G.4] bi [l-indikazzjoni tat-tip fit-taqsimiet A, B, D].	Prodott miksub permezz ta' taħlit, ikkumpattar jew granulazzjoni tal-materjali tal-gir elenkati fit-taqsimiet minn G.1 sa G.4 ma' tipi ta' fertilizzanti elenkati fit-taqsimiet A, B u D. It-taħlitiet li ġejjin huma projbiti: — sulfat tal-ammonju (Tip A.1.4) jew urea (Tip A.1.9) ma ossidu tal-gir jew idrossidu tal-gir kif elenkati fit-Taqsimiet G.2; — it-taħlit u mbaġħad l-ikkumpattar jew il-granulazzjoni ta' super fosfati tat-tipi A.2.2 (a), (b) jew (c) ma' kwalunkwe tip deskritti fit-Taqsimiet minn G.1 sa G.4.	Valur newtralizzanti: 15 3 % N għal taħlitiet li fihom it-tipi ta' fertilizzanti b'kontenut minimu ta' N 3 % P ₂ O ₅ għal taħlitiet li fihom it-tipi ta' fertilizzanti b'kontenut minimu ta' P ₂ O ₅ 3 % K ₂ O għal taħlitiet li fihom it-tipi ta' fertilizzanti b'kontenut minimu ta' K ₂ O Potassju li jinħall fl-ilma, espress bħala K ₂ O	Rekwiżiti oħrajn fl-entrati individwali.	Valur Newtralizzanti Nutrijenti skont dikjarazzjonijiet nutrittivi tat-tipi ta' fertilizzanti individwali. Kalċju totali Manjesju totali jekk MgO ≥ 3 % Jekk li l-kontenut ta' kloridu ma jaqbiżx 2 % Cl, il-kliem "baxx fil-kloridu" jista' jinżied Ndewwa (mhux obbligatorja) Finezza (mhux obbligatorja)

ANNEX II

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) It-Taqsima 1.3. hija emendata kif ġej:

- (a) Fl-ewwel entrata, id-deskrizzjoni tat-tip “kainit” tinbidel għal “melħ greġg tal-potassju”.
- (b) Fit-tieni entrata, id-deskrizzjoni tat-tip “melħ arrikkiti bil-kainit” tinbidel għal “melħ greġg tal-potassju arrikkiti”.

(2) Is-Sezzjoni 5 li ġejja tiġi miżjuda:

“5. Materjali tal-ġir

It-tolleranzi permessi rigward il-kalċju u l-manjesju ddikjarati għandhom ikunu:

Ossidu tal-manjesju:

— sa u inkluż 8 % MgO	1
— bejn 8 % u 16 % MgO	2
— aktar minn 16 % MgO	3

Ossidu tal-kalċju 3

It-tolleranza permessa fir-rigward il-valur newtralizzanti ddikjarat għandha tkun:

Valur newtralizzanti 3

It-tolleranza applikabbli għall-perċentwal iddikjarat tal-materjal li jgħaddi minn għarbiel speċifiku għandha tkun:

Finezza 10”.

—————

ANNEX III

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(1) Il-Metodu 6.1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Metodu 6.1

Determinazzjoni tal-kloridi fl-assenza tal-materjal organiku

EN 16195: Fertilizzanti – Determinazzjoni tal-kloridi fl-assenza ta' materjal organiku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku."

(2) Il-punti 8.6 sa 8.8 jinbidlu b'dan li ġej:

"Metodu 8.6

Determinazzjoni manganimetrika tal-kalċju estratt b'segwiment tal-preċipitazzjoni fil-għamla ta' ossalati

EN 16196: Fertilizzanti – Determinazzjoni manganimetrika tal-kalċju estratt b'segwiment tal-preċipitazzjoni fil-għamla ta' ossalati

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 8.7

Determinazzjoni tal-manjesju bl-ispettrometrija ta' assorbazzjoni atomika

EN 16197: Fertilizzanti – Determinazzjoni tal-manjesju bl-ispettrometrija ta' assorbazzjoni atomika

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 8.8

Determinazzjoni tal-manjesju bil-komplispekrometrija

EN 16198: Fertilizzanti – Determinazzjoni tal-manjesju bil-komplispekrometrija

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku."

(3) Il-Metodu 8.10 qed jinbidel b'dan li ġej:

"Metodu 8.10

Determinazzjoni tas-sodju estratt bl-ispettrometrija tal-emissjoni ta' fjamma

EN 16199: Fertilizzanti – Determinazzjoni tas-sodju estratt bl-ispettrometrija tal-emissjoni ta' fjamma

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku."

(4) Il-metodi li ġejjin 14 huma miżjuda:

"Metodu 14

Materjali tal-ġir

Metodu 14.1

Id-determinazzjoni tad-distribuzzjoni tad-daqs ta' materjali tal-ġir permezz ta' għarbiel xott jew niedi

EN 12948: Materjali tal-ġir – Determinazzjoni tad-distribuzzjoni tad-daqs permezz ta' għarbiel xott jew niedi

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.2

Id-determinazzjoni tar-reattività tal-materjali tal-ġir tal-karbonat u s-silikat mal-aċidu idrokloriku

EN 13971: Materjali tal-ġir tal-karbonat u s-silikat – Determinazzjoni tar-reattività – Metodu ta' titrazzjoni Potenzjometrika bl-aċidu idrokloriku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.3

Id-determinazzjoni tar-reattività permezz ta' metodu ta' titrazzjoni awtomatika bl-aċidu ċitriku

EN 16357: Materjali tal-gir tal-karbonat – Determinazzjoni tar-reattività – Metodu ta' titrazzjoni awtomatika bl-aċidu ċitriku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.4

Id-determinazzjoni tal-valur newtralizzanti tal-materjali tal-gir

EN 12945: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-valur newtralizzanti – Metodi titrimetriku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.5

Id-determinazzjoni tal-kalċju f'materjali tal-gir permezz tal-metodu tal-ossalat

EN 13475: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-kontenut tal-kalċju – Metodu bl-ossalat

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.6

Id-determinazzjoni tal-kalċju u l-manjesju f'materjali tal-gir permezz tal-kompleksometrija.

EN 12946: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-kontenut tal-kalċju u tal-manjesju – Metodu Kompleksometriku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.7

Id-determinazzjoni tal-manjesju f'materjali tal-gir permezz tal-metodu tal-ispettrometrija bl-assorbiment atomiku

EN 12947: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-kontenut tal-manjesju – Metodu tal-ispettrometrija bl-assorbiment atomiku

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.8

Id-determinazzjoni tal-kontenut ta' ndewwa

EN 12048 Fertilizzanti Solidi u materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-kontenut ta' ndewwa – Metodu gravimetriku bit-tnixxif f'105 °C +/- 2 °C

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.9

Id-determinazzjoni tat-tifrik tal-granuli

EN 15704: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tat-tifrik tal-kalċju u l-karbonati tal-kalċju/manjesju granulari taħt l-influwenza tal-ilma

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu test taċ-ċirku.

Metodu 14.10

Id-determinazzjoni tal-effett tal-prodott permezz ta' inkubazzjoni tal-ħamrija

EN 14984: Materjali tal-gir – Determinazzjoni tal-effett tal-prodott fuq il-pH tal-ħamrija – Metodu permezz tal-inkubazzjoni tal-ħamrija

Lil dan il-metodu ta' analiżi sarlu t-test taċ-ċirku.”

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 464/2013**tas-17 ta' Mejju 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni,
Fisem il-President,
Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	48,2
	TN	47,4
	TR	77,3
	ZZ	57,6
0707 00 05	AL	27,7
	MK	41,5
	TR	132,0
	ZZ	67,1
0709 93 10	TR	137,0
	ZZ	137,0
0805 10 20	EG	52,9
	IL	61,5
	MA	73,9
	TR	59,9
	ZZ	62,1
0805 50 10	AR	113,7
	EG	68,1
	TR	70,0
	ZA	109,7
	ZZ	90,4
0808 10 80	AR	120,8
	BR	100,5
	CL	117,4
	CN	72,6
	MK	39,0
	NZ	155,5
	US	208,2
	ZA	114,0
ZZ	116,0	

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Mejju 2013

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza kontra l-bluetongue fl-Italja fl-2007 u l-2008

(notifikata bid-dokument C(2013) 2799)

(It-testi bil-Frañċiż u bl-Olandiż biss huma awtentiċi)

(2013/221/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3), (4) u t-tieni inċiż tal-paragrafu (6) tagħha,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), u b'mod partikolari l-Artikolu 84 tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 94 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽³⁾ (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "ir-Regoli ta' Applikazzjoni"), l-impenn tan-nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun preċedut minn deċiżjoni finanzjarja li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u adottati mill-istituzzjoni jew l-awtoritajiet li lilhom ġew delegati s-setgħat mill-istituzzjoni.
- (2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li teqred il-bluetongue malajr kemm jista' jkun, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri. It-tieni inċiż

tal-Artikolu 3(6) ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi r-regoli dwar il-perċentwali li trid tiġi applikata għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri.

- (3) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 jistabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ⁽⁴⁾ jistipula r-regoli dwar in-nefqa eliġibbli għal appoġġ finanzjarju mill-Unjoni.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/655/KE ⁽⁵⁾ tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza fil-ġlieda kontra l-bluetongue fil-Belġju fl-2007 u l-2008.
- (5) Fis-6 ta' April 2009, l-Italja baġtet talba uffiċjali għal rimborż kif stipulat fl-Artikoli 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 349/2005. L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lill-Belġju fittra bid-data tas-7 ta' Lulju 2011. Il-Belġju qabel magħha fl-4 ta' Awwissu 2011.
- (6) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet ippjanati kienu fil-fatt implimentati u li l-awtoritajiet approvdew it-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat.
- (7) L-awtoritajiet Belġjani ssodisfaw bis-sħiħ l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħhom kif stipulati fl-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (8) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-ammont totali tas-sostenn finanzjarju mill-Unjoni għan-nefqa eliġibbli mġarrba marbuta mal-qerda tal-bluetongue fl-Isvezja fl-2007 u l-2008 issa għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2008/655/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.

⁽²⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

⁽⁵⁾ ĠU L 214, 9.8.2008, p. 66.

- (9) L-ewwel porzjon ta' EUR 3 328 215,15 u t-tieni porzjon ta' EUR 4 550 004,85 diġà ġew imħallsa.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni lejn in-nefqa assoċjata mal-qerda tal-bluetongue fil-Belġju fl-2007 u l-2008 hija stabbilita għal EUR 7 881 826,95. Dan jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għal EUR 7 881 826,95 il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja ġie stabbilit għal EUR 3 606,95 u għad irid titħallas.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Mejju 2013

li tistabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa mġarrba fil-kuntest tal-miżuri ta' emerġenza meħuda biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja fi Spanja fl-2009

(notifikata bid-dokument C(2013) 2779)

(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)

(2013/222/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 94 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala 'ir-Regoli ta' Applikazzjoni'), l-impenn tan-nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jkun preċedut minn deċiżjoni finanzjarja li tistabbilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u adottati mill-istituzzjoni jew l-awtoritajiet li lilhom ġew delegati s-setgħat mill-istituzzjoni.

(2) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li tingħata għajjnuna biex l-influenza avjarja tinqed malajr kemm jista' jkun, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi finanzjarjament għal nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri. L-ewwel u t-tieni inċiż tal-Artikolu 4(3), ta' dik id-Deċiżjoni jstabbilixxu r-regoli dwar il-perċentwali li trid tiġi applikata għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri.

(3) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstabbilixxi r-regoli rigward il-finanzjament Komunitarju għall-interventi urġenti u l-ġlieda kontra ċertu mard tal-annimali kif imsemmi fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ⁽³⁾, jstabbilixxi regoli dwar in-nefqa eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/148/UE tal-5 ta' Marzu 2010 dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra l-influenza tat-tjur fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fi Spanja, fi Franza, u fl-Italja fl-2009 ⁽⁴⁾, tat kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għal miżuri ta' emerġenza biex tiġi miġġielda l-influenza avjarja, fost oħrajn, fi Spanja fl-2009. Fis-26 ta' Marzu 2010 u fit-3 ta' Mejju 2010 ġiet ippreżentata talba uffiċjali għar-rimborż minn Spanja, kif stipulat fl-Artikoli 7(1) u 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(5) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandu jiġi soġġett għall-kundizzjoni li l-attivitajiet ipplanati kienu implimentati u li l-awtoritajiet ipprovdew it-tagħrif kollu meħtieġ fiż-żmien stipulat. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/798/UE ⁽⁵⁾ tipprevedi li għandha titħallas l-ewwel somma ta' EUR 500 000,00 bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni.

(6) B'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2009/470/KE u mingħajr dewmien, Spanja infurmat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li ġew applikati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-notifika u l-qerda u r-riżultati tagħhom. Skont kif jitlob l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005, it-talba għar-rimborż kienet akkumpanjata b'rapport finanzjarju, dokumenti ta' prova, rapport epidemjoloġiku dwar kull stabbiliment fejn l-annimali nqatlu jew inqerdu u r-riżultati tal-awditjar rispettiv.

(7) L-awditjar skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005 twettaq mis-servizzi tal-Kummissjoni. L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-metodu għall-kalkolu tan-nefqa eliġibbli u l-konklużjonijiet finali ġew ikkomunikati lil Spanja fl-12 ta' Settembru 2012. Spanja qablet permezz ta' e-Mail datata l-9 ta' Ottubru 2012.

(8) Konsegwentement, l-ammont totali tal-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni għan-nefqa eliġibbli mġarrba b'rabta mal-qerda tal-influenza avjarja fi Spanja fl-2009, issa jista' jiġi stabbilit.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.⁽²⁾ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.⁽⁴⁾ ĠU L 60, 10.3.2010, p. 22.⁽⁵⁾ ĠU L 320, 3.12.2011, p. 45.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament Finanzjarju hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għan-nefqa marbuta mal-qerda tal-influwenza avjarja fi Spanja fl-2009 hija stabbilita għal EUR 877 910,62.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2013.

Artikolu 2

Il-bilanċ tal-kontribuzzjoni finanzjarja huwa stabbilit għal EUR 377 910,62.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membri tal-Kummissjoni

RETTIFIKA**Rettifika għall-Adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 66 tat-8 ta' Marzu 2013)

Minn paġna I/502 sa paġna I/509, II/514 u II/515, II/519, II/1000 sa II/1006 u II/1057, l-Appropriazzjonijiet differenzjati kollha għandhom jinqraw bħala Appropriazzjonijiet mhux differenzjati

AVVIŻ LILL-QARREJJA

Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1), mill-1 ta' Lulju 2013, l-edizzjoni elettronika biss tal-Ġurnal Uffiċjali għandha tiġi meqjusa awtentika u għandu jkollha effett legali.

Fejn ma jkunx possibbli li tiġi ppubblikata l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux previsti, l-edizzjoni stampata għandha tkun awtentika u għandu jkollha effett legali skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 216/2013.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

